MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Numru. 452/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Joanne Farrugia**

Kumpilazzjoni Nru: 452/2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Joanne Farrugia, ta’ 34 sena, bint Dominic u Anna nee’ Farrugia, imwielda Pieta’ nhar id-29 ta’ Novembru, 1976 u detentrici tal-karta tal-Identita numru 19877(M),

Akkuzata talli

B’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda:

Fi granet u hinijiet differenti bejn is-17 ta’ Marzu 2011 u l-24 ta’ Marzu, 2011, minn gewwa r-residenza Diana, li tinsab fi Triq il-Qroll, Zurrieq, ikkommettiet serq ta’ deheb u oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Josephine Busuttil u/jew persuna jew persuni ohra;

Aktar talli f’ xi gurnata u hin matul ix-xhur ta’ Mejju u Awwissu 2009, minn gewwa r-residenza Diana li tinsab fi Triq il-Qroll, Zurrieq, ikkommettiet serq ta’ mobile phone, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u lok u dan ghad-detriment ta’ Ingrid Vassallo u/jew persuna jew persuni ohra;

Rat l-artikoli 216(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet il-konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-fedina penali taghha u l-fatt li parti mir-res furtiva giet rkuprata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 216(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt xhur thallas is-somma ta' tlett mija u sebghin Euro (€370) lid-derubata.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputata l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien prefiss u jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha moghtija.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------